



Brussell, 9 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15028/23

LIMITE

DEVGEN 194
ACP 107
RELEX 1261
COLAC 135
FORETS 175
ENV 1236
CLIMA 533
SUSTDEV 137

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	L-intenzjoni tal-Kummissjoni li tidħol f'Memorandum ta' Qbil bejn ir-Repubblika tal-Honduras u l-Unjoni Ewropea dwar Sħubija għall-Foresti - Awtorizzazzjoni biex jiġi ffirmat strument mhux vinkolanti

1. Fil-5 ta' Ġunju 2023, id-Delegati tal-Grupp ta' Ħidma CODEV-PI ġew infurmati bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinneogzja u tiffirma, f'isem l-UE, Memorandum ta' Qbil (MtQ) dwar Sħubija għall-Foresti mal-Honduras, f'konformità mal-arranġamenti għal strumenti mhux vinkolanti.
2. Minħabba li l-foresti huma essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u fid-dawl tar-responsabbiltà tal-UE, bħala attur globali, li tgħin fil-protezzjoni u r-restawr tal-foresti madwar id-dinja, il-Kummissjoni żviluppat kunċett ta' Sħubijiet għall-Foresti bil-għan li ssaħħa id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni dwar il-foresti ma' pajjiżi sħab b'mod olistiku u integrat.
3. Fis-6 ta' Novembru 2023, id-Delegati tal-CODEV-PI ġew infurmati li n-negojzjati ġew konklużi in bona fide u fallinjament sħiħ mal-oġettivi tal-UE u tal-Honduras fir-rigward tal-foresti u esprimew appoġġ għall-iffirmar tal-MtQ.

4. Is-Sħubija għall-Foresti ser issaħħaħ id-djalogu politiku u strateġiku dwar il-foresti mal-Honduras kif ukoll it-tmexxija tal-UE fl-aġenda internazzjonali dwar il-foresti filwaqt li tikkontribwixxi għall-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità. L-azzjoni hija fil-qalba tal-istrateġija Global Gateway, li permezz tagħha l-UE qed tappoġġa investimenti sostenibbli madwar id-dinja.
5. Il-MtQ huwa mistenni li jiġi ffirmat matul il-COP28 tal-UNFCCC li ser issir f'Dubai mit-30 ta' Novembru sat-12 ta' Diċembru 2023. Fit-2 ta' Diċembru 2023 il-Paviljun tal-UE ser jospita avveniment ta' livell għoli bil-preżenza tal-President tal-Kummissjoni von der Leyen. Il-Honduras indika b'mod informali r-rieda li l-President Castro jiffirma l-MtQ.
6. F'dak il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tiffirma l-Memorandum ta' Qbil imsemmi hawn fuq fisem l-UE.
